MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 1015/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

**ROSARIO k/a LEWIS TABONE**

**Illum 30 ta’ Settembru 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ROSARIO k/a LEWIS TABONE** bin Francis u Maria nee’ Scerri, residenti San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ numru 408967(M), gie imressaq quddiemha w akkuzat talli nhar it-tnejn (2) t’Awwissu 2006 f’dawn il-gzejjer f’San il-Pawl il-Bahar f’xi

hin bejn il-hamsa ta’ filghodu u s-siegha ta’ wara nofsinhar, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq martu Claudia Tabone, peress li l-griehi damu aktar minn tletin gurnata, skond ma ccertifika Dr. M. Fiorentino M.D. tal-ENT Ward ta’ l-isptar San Luqa.

Rat id-dokumenti esebiti mill-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Therese Siberras fis-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Ottubru 2006 u cioe’ l-okkorrenza tal-pulizija mmarkata bhala Dok CSH, il-Patient Certification Form immarkata bhala Dok CSH1, stqarrija ta’ l-imputat immarkata bhala Dok CSH2, ic-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok CSH3 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Settembru 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata sommarjament u deciza minn din il-Qorti, mmarkat bhala Dok CSH4.

Semghet lill-Ufficcjal Prosekutur **Spettur Therese Sciberras** tixhed nhar it-23 ta’ Ottubru 2006 u tispjega li fis-17 t’Awwissu 2006 ghall-habta tal-erbgha w nofs ta’ wara nofsinhar (4.30p.m.) kienet marret l-ghassa certu Claudia Tabone fejn din riedet taghmel rapport dwar nhar it-2 t’Awwissu 2006 fejn kellha argument ma’ zewgha w bhala rizultat sofriet griehi gravi. Spjegat li zewgha jismu Rosario Tabone w qalet li waqt li kienu gewwa c-Cherry Tree Bar & Restaurant li jinsab fi Triq Gulju, San Pawl il-Bahar, ezattament fl-ufficcju tieghu, zewgha beda jhabbtilha rasha mal-hajt u minhabba f’hekk spiccat feruta f’imnihirha. Hija marret l-isptar u Dr. Fiorentino ccertifika li hija kellha griehi gravi. Spjegat li l-argument inqala’ fuq negozju li kellhom bejniethom.

Ix-xhud spjegat kif sussegwentement tkellmet mal-imputat odjern u dan qalilha li martu bdiet tipprovokah u huwa tilef il-kontroll wara li martu waddbitlu mazz cwievet. Claudia Tabone pprezentatilha kopja ta’ CCTV recording ta’ dak li sehh fl-ufficcju dakinhar tal-incident. Mistoqsija ghaliex Claudia Tabone damet ma marret taghmel rapport ghand il-pulizija, din qaltilha li kien biss wara li marret ghand l-avukat taghha li ddecidiet li tipprezenta r-rapport odjern.

Hija pprezentat dan l-istess CCTV recording li gie mghoddi lilha u dan gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok

CSH5. Hija giet murija l-istatement tal-imputat immarkat bhala Dok CSH2 u kkonfermat il-kontenut tieghu u gharfet il-firma taghha, dik tal-imputat li ffirma quddiemha w ta’ PS 581 Buttigieg. Hija kkonfermat li qabel ma ttiehed dan l-istatement hija tat is-solita twissija lill-imputat.

Illi nhar it-23 ta’ Ottubru 2006 il-prosekuzzjoni ressqet lil **Claudia Tabone** tixhed u din ghazlet li ma tixhedx fil-konfront ta’ zewgha l-imputat.

Illi nhar is-6 ta’ Dicembru 2006 xehed **Dr. Mark Fiorentino w** stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta’ Senior Health Officer fid-dipartiment tal-ENT. Huwa gie muri c-certifikat esebit fl-atti mmarkat bhala Dok CSH1 mahrug f’isem Claudia Tabone u kkonferma l-kontenut tieghu. Qal li l-pazjenta li ezamina kienet qed issofri minn ksur f’imnihirha u li dan kien mghawweg. Spjega li ma kellhiex ksur fl-ghadam ta’ mnihirha izda ksur fil- *cartilage* tal-imnieher. Qal li pero’ huwa mhux espert f’dan il-qasam tal-ENT u ghalhekk ma setax jghid kemm iddum biex tfieq il-pazjenta .

Illi nhar id-29 ta’ Settembru 2010 il-Prosekuzzjoni regghet harrket lil **Claudia Tabone** tixhed u din spejgat li tinsab legalment separata minn mal-imputat, izda dan nonostante ma tixtieqx tixhed fil-konfront tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba taghha b’digriet appozitu tal-istess jum.

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandhiex aktar xhieda xi tressaq in vista ta’ dak li stqarret l-istess Claudia Tabone.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit stante li l-kwerelanti rtirat il-kwerela taghha meta ghazlet li ma tixhedx, kif kellha kull dritt taghmel stante li hija l-mara tal-istess imputat, u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------